QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru 227/99DM

Emanuel Bugeja u Peter Bugeja

vs

Gordon Ellul

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati f'April 1998 mill-kelb tal-konvenut tar-razza "pointer" meta dan minghajr kunsens jew permess ta' l-atturi dahal fuq propjeta ta' l-atturi u qatel fagani u annimali u tjur ohra u kkawza hsarat fil-propjeta tal-atturi.

Bl-ispejjez, u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-valur ta' din il-kawza ma jissuperax it-tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gordon Ellul fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-kelb tal-konvenut ikkaguna hsarat jew danni lill-propjeta tal-atturi u wisq anqas ma qatel fagani jew annimali jew tjur ohra u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
2. Effettivament kien l-attur Emanuel Bugeja illi kkaguna danni lill-konvenut stante illi spara u qatel il-kelb tar-razza "pointer" proprjeta tal-konvenut.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta; l-verzjoni attrici tistrieh principalment fuq id-deposizzjoni ta' Emanuel Bugeja illi jallega illi hu kien qieghed fir-razzett tieghu ghal kacca meta ra l-kelba tal-konvenut tidhol gor-razzett, tattakka papra u pagun u billi din il-kelba kienet aggressiva hu ddecida wkoll li jisparalha. It-tjur li attakkat il-kelba mietu konsegwenza tal-istess aggressjoni tal-kelba ta' Gordon Ellul.

Din l-alleggazzjoni pero hija kontradetta minn Gordon Ellul, illi kien qieghed jakkompanja l-kelba tieghu izda minghajr ebda cinga u kien xi distanza warajha, kif ukoll minn Sammy Attard li kien qieghed jakkompanja lil Gordon Ellul. Dawn issostnu li verament din il-kelba, waqt li huma kienu ghal kacca, kienet segwiet papra li dahlet fir-razzett illi kien miftuh u hemmhekk attakkat lil din il-papra. Isosstnu li din il-papra ma kienetx proprjeta' tal-atturi u jssostnu wkoll illi Emanuel Bugeja, l-attur, spara mhux biss fuq il-kelba imma spara ukoll fuq it-tajra tant illi waddab il-kelba barra mir-razzett, taht ic-cint tal-istess razzett, fejn fil-fatt instabet.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet dik li hija iktar attendibbli hija dik tal-konvenut peress illi hemm certi cirkostanzi fil-verzjoni moghtija mill-atturi illi jnaqqsu mill-kredibilita' tal-verzjoni ta' Emanuel Bugeja.

Infatti l-attur Peter Bugeja, ikkoroborat mix-xhud indipendenti John Cassar illi kien qieghed mal-atturi, fil-waqt illi jiddikjara illi kien hiereg mir-razzett tieghu dak il-hin jew almenu ftit wara li gara l-incident ghaliex Gordon Ellul kien qieghed iffittex il-kelba tieghu, iddikjara li ma rriskontra ebda fagan jew papra tieghu li kienu mejtin meta dawn suppost inqatlu fil-passagg li mir-razzett jikkonduci ghal barra u allura ezattament minn fejn suppost kien ghaddej l-istess Peter Bugeja.

Inoltre l-istess Peter Bugeja issostni illi, bhala proprjetarju tat-tjur, huwa ma jhalliex tjur illi jkunu qieghdin jigru barra jew anke fil-bitha tar-razzett, izda jssostni illi l-post fejn jinzammu t-tjur huwa maghluq bi grada; tant hu hekk illi, biex jasal ghal konkluzzjoni li l-kelba tal-konvenut qatlet it-tjur, huwa allega li din qabzet cint u mhux dahlet mill-entrata principali kif jssostni huh Emanuel Bugeja.

Huwa wkoll inverosimili dak li jixhed Emanuel Bugeja illi wara li sehh dan l-incident u fejn gew maqtulha t-tjur tieghu u ta' huh, jinnota lil huh qieghed jhalli r-razzett u qieghed jitkellem mal-konvenut u ma jhossx il-htiega illi jintervjeni u jinforma lil huh b'dak li

kien gara; kif ukoll ma jidherx illi huwa agir aspettat dak li ghamel Emanuel Bugeja li, meta skond hu qatel il-kelba tal-konvenut biex jipprotegi lilu nnifsu w il-proprjeta tieghu, dan ghazel illi ma jiffaccax lill-istess Gordon Ellul izda heba l-kelba taht ic-cint tar-razzett.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi ssib illi l-verzjoni tal-atturi m'hiex attendibbli u ghaldaqstant tilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ36